MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Numru 489/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Bugeja**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta’ tahrika ta’ kawza tal-Pulizija kontra Joseph Bugeja (d.t.t. 27/7/62) talli –

**Nhar il-Hadd 10 ta’ April 2005 minkejja li kien ordnat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volotnarja, b’digriet moghti mill-Magistrat Dr Paul Coppini LL.D. datat 18/10/2001 sabiex jaghti access tat-tifel tieghu Charlon u li qieghed taht il-kustodja tieghu, lil martu Miriam Bugeja, irrifjuta li jaghmel hekk minghajr raguni xierqa, bi ksur ta’ l-Artikolu 338 (11) tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali;**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-23 ta’ Novembru 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Bugeja mhux hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u konsegwentement illiberatu minn kull imputazzjoni u htija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Miriam Bugeja, minnha ppresentat fis-**7 ta’ Dicembru 2007**, li permezz tieghu talbet ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza u li konsegwentement din il-Qorti ssib lill-appellat Joseph Bugeja hati skond l-imputatizzjoni dedotta kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat in-nota ta’ l-appellat Joseph Bugeja, presentata fit-23 ta’ Jannar 2008, li permezz taghha huwa eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta’ appell ghar-raguni, fost ohrajn, li f’dan il-kaz ma hux moghti dritt ta’ appell lill-kwerelanti, izda, se mai, kien l-Avukat Generali li seta’ jappella;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lill-Avukat Dott. Anton Refalo ghall-appellat, lill-Avukata Dott. Angele Formosa ghall-appellanti Miriam Bugeja u lill-Avukata Dott. Lara Lanfranco ghall-Avukat Generali;

Ikkonsidrat:

Illi f’dan il-kaz, il-prosekuzzjoni inbdiet b’tahrika ta’ kawza tal-Pulizija u mhux b’tahrika ta’ kawza privata, u l-azzjoni tmexxiet, kif kellha effettivament titmexxa trattandosi ta’ reat li ma jirrikjedix il-kwerela tal-parti privata ghall-prosekuzzjoni tieghu, mill-bidu sa l-ahhar mill-Pulizija Ezekuttiva – kif del resto jixhed l-“occhio” tal-kawza – **<u>Il-Pulizija</u> v. Joseph Bugeja**. Isegwi, ghalhekk, li dan il-kaz ma jinkwadrax fl-ewwel parti ta’ l-Artikoli 373 tal-Kodici Kriminali li ghalih jirreferi l-Artikolu 413(1)(b) ta’ l-istess Kodici fejn si tratta ta’ l-appell intavolat mill-kwerelant. Fi kliem iehor f’dan il-kaz, seta jappella biss l-Avukat Generali u mhux ukoll il-kwerelanti. Din, cioe` l-kwerelanti, setghet biss se mai taghmel it-talba skond l-Artikolu 414(1) ghaliex l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali biex dan – l-Avukat Generali – jikkunsidra kellux jappella. Mhux car

jekk tali talba saritx. Pero` jibqa’ l-fatt li l-appellanti Miriam Bugeja zgur li ma setghetx tappella kif effettivament ghamlet.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-pregudizzjali sollevata mill-appellat bin-nota msemmija tat-23 ta’ Jannar 2008, tiddikjara l-appell irritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------